**22 ta' Frar, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Charles Zarb

## Truffa

*Għar-reat ta' truffa hemm bżonn li tirriżulta materjalità speċifika li sservi ta' substrat għall-verosimiljanza tal-falsità prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. M'huwiex biżżejjed għall-finijiet ta' l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali affermazzjonijiet, lużingi, promessi mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilità l-affermazzjonijiet menżonjeri tal-frodatur.*

*Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun bi profitt inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddieħor" ma jħallux dubju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali ta' truffa hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu jkun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod il-leġittima produttività tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo.*

**Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-3 ta' Ġunju, 1992 li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:**

Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-akkużat talli, f'dawn il-Gżejjer, matul dawn l-aħħar xhur, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' krediti immaġinarji, u ċjoè billi ħa kunsinna ta' deheb mingħand *Medgold Co. Ltd.* bil-ħsieb li juża dan id-deheb sabiex jissellef fuqu mingħand terzi persuni u ħareġ *cheque* lill-imsemmija soċjetà, liema *cheque* ma seta' qatt jiġi msarraf, għamel qligħ ta' aktar minn Lm1000 bi ħsara ta' *Medgold Co. Ltd.*, bi ksur ta' l-art. 308 ta' Kap. 9; b) bi ħsara ta' *Medgold Co. Ltd.* għamel qligħ ta' aktar minn Lm1000 qerq, bi ksur ta' l-art. 309 ta' Kap. 9;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena jew fi kwalunkwe każ tinfliġġi piena oħra li ma tkunx waħda ta' natura karċerarja;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant *in massima* ġenerali huwa fissens illi skond hu, il-provi miġbura ma jwasslux biex jiġi ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi l-elementi frawdolenti ossija l-intenzjoni frawdolenti da parti tiegħu;

Skond l-appellant iċ-ċirkostanzi kollha ta' kif ġraw il-fatti tal-każ in eżami, wieħed wara l-ieħor, għandu jindika biċ-ċar illi għalkemm huwa sab ruħu f'qagħda "insolvent" u forsi wkoll ipprova jirbaħ aktar żmien biex ikun jista' jħallas il-bilanċ li għadu dovut minnu, l-ebda ċirkostanza u l-ebda fattur mill-banda l-oħra ma tista' twassal biex tipprova illi huwa b'xi mument uża xi mezz kontra l-liġi, xi mezz qarrieqi, xi mezz frawdolenti, biex jippreġudika d-drittijiet kreditriċi tas-soċjetà kwerelanta. Mhux talli hekk, imkien fil-proċess ma hemm l-iċken prova li twassal biex tinterpreta l-aġir tiegħu bħala riflessjoni materjali ta' l-intenzjoni speċifika tiegħu biex iqarraq lill-kreditur tiegħu. Huwa qatt u fl-ebda mument ma pprova jqarraw lill-kreditur tiegħu b'tali mod li jinnegah mid-dritt tiegħu li fadallu jiġbor bilanċ ta' flus mingħandu. Infatti jirriżulta wkoll illi huwa diversi drabi pprova kemm personalment, kif ukoll *tramite* terzi persuni,

jipprova jasal għal ftehim mas-soċjetà kreditriċi fis-sens li jrodd lura l-bilanċ dovut permezz ta' pagamenti rateali iżda ta' l-aħħar baqgħet issostni għal pagament wieħed f'daqqa għas-saldu. Skond l-appellant, dan żgur ma jistax jitqies bħala aġir ta' wieħed li għandu l-intenzjoni u/jew ħsieb li jiddefrawda jew iqarraq lill-proxxmu tiegħu;

Ikkunsidrat:

Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-leġislazzjoni Rumana kien magħruf bħala steljolat u li jikkorrispondi eżattament għat-truffa tal-*Codice Sardo*, għall-frodi tal-Kodiċi Toskan, għall-Engano jew Estafa fil-Kodiċi Spanjol, għall-Bulra f'dak Portugiż, u għal *Esroquerie* fil-Kodiċi Franċiż. Il-liġi tagħna tittratta fuq il-frodi *fis-subartikolu* III *tat-Titolu* IX *tat-tieni ktieb taqsima ta' l-ewwel* ktieb tal-Kodiċi Kriminali u dan id-delitt kif sejjer jingħad aktar 'il quddiem ġie diversi darbi kkummentat minn din il-Qorti diversament presjeduta u anke kif preżentament presjeduta għal kważi mitt sena b'ċerta konsistenza. Din il-Qorti għal kull buon fini tagħmel riferenza għas-sentenza tagħha stess kif illum presjeduta tat-2 ta' Lulju, 1979 *in re* Il-Pulizija *vs* Mario Schembri fejn hemm dettaljatament deskritt l-oriġini ta' dan ir-reat fis-sistema nostran kif ukoll dettalji estensivi dwar l-elementi rikjesti mil-liġi tagħna għal biex jiġi integrat ir-reat ta' truffa;

Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tagħna kienu ġew meħuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodiċi *Delle Due Sicilie* li hu identiku ħlief għal xi kelmiet insinifikanti għall-Kodiċi Franċiż (artikolu 405) avolja dan, il-Kodiċi tad-*Due Sicilie*, it-truffa kien isejħilha Frodi – *del resto* anke llum dan id-delitt fil-Kodiċi tagħna hu indikat bħala "frodi

b'għemil qerrieqi'';

Skond ġurisprudenza kostanti li din il-Qorti kif ippresjeduta taqbel magħha, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li ġejjin;

Fl-ewwel lok bħala suġġett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulħadd;

Fit-tieni lok il-leġislatur aktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta' l-ingann u tar-raġġiri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel;

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

(a) b'mezzi kontra l-liġi, jew;

(b) billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz jew;

(ċ) ta' kwalifiki foloz, jew;

(d) billi jinqeda b'qerq ieħor, u;

(e) ingann, jew;

(f) billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz;

(ġ) jew ta' ħila;

(ħ) setgħa fuq ħaddieħor, jew;

(i) ta' krediti immaġinarji, jew;

(j) sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor;

Fis-sentenza tas-27 ta' Mejju, 1957 mogħtija mill-Qorti Kriminali komposta minn tliet Imħallfin fil-lawża Rex *vs* Vittorio Azzopardi (Vol. XXIX.IV p. 398) dik il-Qorti ċċitat estensivament minn Chaveau *et* Helie u anke minn sentenzi tal-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Pariġi biex tispjega li hu neċessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem *ta' prudenza* u sagaċja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' *fatti li* qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi. F'dik il-kawża ssemmiet ukoll is-sentenza Regina *versus* Giuseppe Galea tat-12 ta' Mejju, 1887 fejn ġie stabbilit illi "*che per costituire la frode sotto la disposizione di quel articolo 282* (illum 308) *non è necessaria la concorrenza di ambedue i mezzi menzionati nell' atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito immaginario anche senza un'artifizio contrario ai regolamenti*";

Dwar l-artifizzji hemm diversi sentenzi tal-Qrati tagħna u ta' din il-Qorti speċjalment. Hekk, l-Imħallef W. Harding tas-27 ta' Mejju, 1944 *in re* Il-Pulizija *vs* Nikol Bonnici qal "Il-Qorti t'isfel fis-sentenza tagħha.....waslet għall-konklużjoni illi hemm bżonn biex ikun reat taħt l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsaħħaħ il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-

ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleġġjalment komposta fil-kawża Reġina *versus* Francesco Cachia u Charles Beck deċiża fit-2 ta' Jannar, 1896 li fiha ntqal illi "*quel articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate inganno, raggiro o simulazione, ed è necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede*";

Il-mibki Imħallef Ġużè Flores fil-kawża Il-Pulizija *versus* Carmelo Cassar Parnis deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 1959 segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruħu kif ġej: "Għar-reat ta' truffa kkontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodiċi Kriminali kif jidher mid-diċitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalità speċifika li sservi ta' substrat għall-verosimiljanza tal-falsità prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. M'huwiex biżżejjed għall-finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, lużingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilità l-affermazzjonijiet menżonjeri tal-frodatur. Il-liġi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi teatrali, li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi u lużingi, u li tagħti dawk l-esterjorità ta' verità kif tirrendi l-idea l-espressjoni feliċi fid-dritt Franċiż *mise-en-scene;*

L-istess interpretazzjoni l-Imħallef Flores irrepetiha fis-sentenza tiegħu fil-kawża Il-Pulizija *versus* Schreiner deċiża fit-3 ta' Marzu, 1956 u fil-kawża Il-Pulizija *vs* Gerald Portelli deċiża fis-7 ta' April, 1956;

Kwantu jirrigwarda l-element formali, ċjoè kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jingħad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann

il-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun bi profitt inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddieħor" ma jħallux dubju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu jkun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttività tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo;

Stabbilit dan kollu din il-Qorti issa ser tgħaddi biex teżamina fl-isfond tal-prinċipji legali appena esposti l-fattispeċje ta' dan il-każ u tara jekk jirriżultawx l-elementi tar-reat ta' truffa;

Ikkunsidrat:

Din il-qorti sejra tidħol ftit f'dak li xehed Anthony Busuttil li kontra tiegħu allegatament saret it-truffa biex tistabbilixxi l-ewwel konklużjonijiet li trid tasal għalihom. L-istess Anthony Busuttil jirrakkonta kif ġara l-każ, u ċjoè, xehed li żmien qabel kien mar l-imputat għandu biex jixtri xi deheb. Kien urih xi deheb biex jagħżel minnu. Huwa deherlu **mill-ewwel** meta l-imputat għażel ċertu xogħol li dan ma kienx addattat għall-ħanut li l-imputat kellu fil-*Crafts Village*, ta' Qali li minnu kien ibigħ artikoli ta' deheb;

Fi kliem l-istess Busuttil "lili kien tani f'għajni u kont għamiltlu osservazzjoni";

L-istess Busuttil però jkompli jgħid li biex jissodisfa lill-klijent, ħallieh jixtri u wara li kkuntjaw kollox ftiehmu fuq pagament rateali ta' mija u ħamsin lira fil-ġimgħa;

**Sussegwentement, l-imputat għamel żewġ pagamenti, it-tielet wieħed ma kienx puntwali fih u allura għamel ir-raba' pagament u mbagħad wara l-ħames ġimgħa ma deherx iżjed. Sussegwentement ukoll, ġara illi wara illi l-istess Busuttil beda jinsisti ma' l-imputat biex iħallsu dak li kien dovut, l-imputat ħariġlu *cheque* għal elf u mitejn li però qallu biex issarfu l-ġimgħa ta' wara u anke indikalu liema ġurnata u ċ-*cheque* inħareġ *post dated;***

Fil-fatt iċ-*cheque* jinsab esibit u huwa ddatat 11th October, 1990 u fuqu hemm notament mill-Bank *"refer to drawer – account blocked"* u d-data tat-18 ta' Ottubru, 1990;

Issa, jirriżulta illi l-imsemmi Busuttil kif ukoll l-imputat kienu jafu lil xulxin u Busuttil kien a konoxxenza tal-fatt li l-imputat kellu ħanut tad-deheb. Jiġifieri meta l-imputat mar biex jixtri l-imsemmi deheb mingħand Busuttil, ċertament ma jistax wieħed jitkellem fuq xi intrapriża falza. Busuttil kien ben konxju li kien qiegħed jinnegozja ma' wieħed li hu stess kien jinnegozja fid-deheb;

Jirriżulta wkoll illi l-veru skop ta' l-imputat ma kienx dan għalkemm huwa meta mar biex jixtri d-deheb mingħand Busuttil, qallu li kellu bżonn dan id-deheb għall-ħanut tiegħu. Din kienet gidba, fuq dan ma jistax ikun hemm dubju, però kif diġà ġie osservat fil-parti espositTiva dwar in-natura legali ta' dan ir-reat ta' truffa, il-gidba waħedha m'hiex suffiċjenti;

Jirriżulta wkoll li effettivament li l-imputat dawn l-oġġetti tad-deheb kellu bżonnhom mhux għall-ħanut iżda biex jirhanhom ma' persuna oħra li effettivament xehdet u dana biex ikun jista' jissellef flus fuqu;

F'dan l-isfond, din il-Qorti trid tiddeċidi l-ewwel, jekk jirriżultax l-element formali tar-reat ċjoè jekk kienx hemm l-intenzjoni da parti ta' l-imputat li jiddefrawda lil Busuttil ċjoè jekk kellux l-intenzjoni li jipprokura d-deheb imsemmi b'ingann b'mod li dan ikun qed isir bi profitt inġust tiegħu. F'dan ir-rigward din il-Qorti diġà qalet illi huwa essenzjali li fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat, l-imputat irid ikun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt;

• Fuq dan, din il-Qorti ħasbet fit-tul, u qiegħda tasal għall-konklużjoni illi għalkemm l-imputat ċertament kellu l-intenzjoni li jottjeni l-oġġetti tad-deheb, għaliex kellu bżonnhom biex kellu bżonnhom biex jirhanhom mingħand l-imsemmi Busuttil u ottjenihom, permezz ta' gidba, permezz ta' ingann, fl-istess ħin din il-Qorti m'hijiex sodisfatta mill-assjem tal-provi, illi l-imputat f'dak il-mument kellu l-intenzjoni li jifrodah fis-sens illi din il-Qorti, għandha dubju raġonevoli illi seta' jkun li l-intenzjoni ta' l-imputat kienet illi jottjeni dak id-deheb għaliex momentarjament kellu bżonn illi permezz tiegħu jottjeni self, però mhix sodisfatta illi kellu wkoll l-intenzjoni li ma jħallasx lura lil Busuttil. Dak li evidentement ġara, kien illi l-imputat ma ppretendiex, l-ewwel illi se jsib ruħu fi problemi finanzjarji li sab ruħu fihom daqstant immedjatament, it-tieni, li probabilment immaġina li seta' jottjeni posponiment tal-pagament mingħand Busuttil peress illi kienu fl-istess negozju. Din il-Qorti bilfors trid tirreferi, kwantu jirrigwarda dan ir-reat tat-truffa, għall-mument tal-konsumazzjoni tiegħu, li ma jistax ikun ħlief dak il-mument illi fih ikkonvinċa lil Busuttil jikkonsenjalu d-deheb imsemmi;

Din il-Qorti però anke li kieku kellha tbiddel l-opinjoni tagħha kwantu jirrigwarda l-element intenzjonali ta' dan ir-reat,

ukoll ma kinitx tasal għall-konklużjoni li jissussisti r-reat ta' truffa billi skond hi, kienet nieqsa kompletament minn din l-istorja kollha l-element tal-*messa in scena* li għaliha saret riferenza fil-ġurisprudenza ċċitata;

Jekk wieħed jeżamina l-ipotesijiet kollha li tikkontempla l-liġi, għandu jasal għal dawn il-konklużjonijiet; ċertament ma kienx hemm mezzi kontra l-liġi għaliex fl-apparenza tagħhom in-negozjati li saru u l-ftehim li sar dwar il-bejgħ tad-deheb ma fih xejn kontra l-liġi; ċertament l-imputat ma għamilx użu ta' ismijiet foloz; ċertament ma għamilx użu ta' kwalifiki foloz; u anke jekk inqeda b'qerq u b'ingann billi daħħal f'moħħ Busuttil li d-deheb kellu bżonnu għall-ħanut meta dan ma kienx veru, din il-gidba, dan l-ingann, ma kienx akkompanjat minn ebda raġġir jew artifizju jew *messa in scena* kif tirrikjedi l-liġi. Ċertament ukoll ma jirriżultax li *si trattava* li l-imputat ġiegħel lil Busuttil jemmen fl-eżistenza ta' xi intrapriża falza jew inkella ta' xi ħila jew ta' xi setgħa tiegħu fuq ħaddieħor u anqas ma hu l-każ illi ġiegħlu jemmen illi kien hemm xi krediti immaġinarji jew biex iqanqal fih xi tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika. Dan almenu sa l-istadju ta' meta sar in-negozju. Huwa veru li sussegwentement meta Busuttil beda jinsisti ma' l-imputat biex jitħallas, l-imputat ipprova jikkonviċih illi kellu jieħu mingħand ħaddieħor u anke ħariġlu ċ-*cheque* u ġiegħlu jaħseb illi dak iċ-*cheque* kien sejjer jiġi onorat fil-ġurnata li kellu jiġi ddepożitat, però, dina kienet ħaġa sussegwenti għan-negozju illi kien diġà sar u l-akkuża tat-truffa bil-fors li għandha tiġi eżaminata b'riferenza għal dik il-ġurnata u mhux għal dak li ġara wara. Dana għaliex element essenzjali fir-reat tat-truffa hija l-konsenja ta' l-oġġett u fiż-żmien meta l-imputat kien qed jipprova jikkonvinċi lil Busuttil li mhux ser ikun hemm problemi dwar ħlas li kien diġà dovut minħabba li kien qed jistenna flus biex

jitħallas mingħand ħaddieħor, il-konsenja kienet diġà saret;

F'kawżi bħal din, wieħed irid joqgħod attent illi jistabbilixxi b'ċerta preċiżjoni l-linja ta' demarkazzjoni bejn każijiet li huma direttament ta' natura ċivili bħal ma din il-Qorti taħseb li huwa dan il-każ, minn każijiet oħra li huma ta' natura kriminali li għalihom jirreferi l-artikolu 308;

L-ewwel konklużjoni li għalhekk qiegħda tasal għaliha din il-Qorti hija, illi ma tirriżultax l-akkuża ta' truffa.